*d-deċiżjoni appellata hija waħda pjuttost xotta u konċiża għall-aħħar, b'mod li l-motivazzjoni tat-Tribunal mhijiex daqstant ċara u ċertament tonqos milli tfiehem tajjeb lill-partijiet x'wasslu sabiex jiċħad it-talbiet tal-appellant - dan in-nuqqas min-naħa tat-Tribunal ma joħloq l-ebda konvinċiment dwar l-argumenti tiegħu*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 7/2023 LM

**Rudolph Mifsud (K.I. nru. 38471(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Rudolph Mifsud (K.I. nru. 38471(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l

quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Jannar, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3042/MF fil-konfront tas-soċjetà intimata **Air Malta p.l.c. (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], u fejn it-Tribunal iddeċieda t-talba tal-appellant billi ċaħadha bl-ispejjeż kontrih.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà intimata bħala *full-time clerk* wara li daħal jaħdem mas-soċjetà appellata f'din il-kariga fid-29 ta' Marzu, 1999 fuq bażi *part-time.* Huwa ħadem f'diversi dipartimenti tas-soċjetà appellata u anki f'diversi funzjonijiet, iżda minn Mejju 2008 sallum huwa dejjem baqa' jservi bħala *clerk* fid-Dipartiment tal-*Ground Operations.* Skont l-appellant huwa jagħmel l-istess xogħol bħall-kollegi tiegħu, jiġifieri dak ta' *flight despatcher,* fejn madankollu dawn jokkupaw gradi ogħla minn tiegħu, ta' *officers* u ta' *assistant officers.* Huwa għalhekk ressaq diversi lmenti lis-soċjetà appellata dwar is-sitwazzjoni tiegħu, b'dana li baqa' bla tweġiba mingħandha.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-5 ta' Lulju, 2012 permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà appellata, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"a) Jiddikjara illi r-rikorrenti, mid-data illi ġie trasferit għas-sezzjoni tal-*Ground Operations *u beda jagħmel xogħol ta'* flight dispatcher*, beda jsofri diskriminazzjoni* ai termini *tal-Artiklu 27 tal-KAP 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*b) In linea mat-talba hawn fuq magħmula, tordna lis-soċjetà intimata sabiex tirrimedja għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni li saret u qed issir mal-esponent, u dan billi l-istess soċjetà AirMalta Plc tibda tħallas lir-rikorrent l-ekwivalenti tar-remunerazzjoni mħallsa lill-*flight despatchers *oħra li għandhom il-grad ta'* Officer *preċiż bħal dawk il-*flight despatchers *illi qegħdin fil-ogħla grad u skala ta'* Officers*, filwaqt illi tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri jew jista' jsofri sakemm jingħata r-rimedju hawn fuq mitlub.*

*c) Jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex kull inġustizzja u diskriminazzjoni li saret fil-konfront tal-esponent tiġi rimedjata mis-soċjetà intimata, inkluż il-kundanna ta' ħlas ta' kumpens lill-esponent kif hawn fuq mitlub għar-raġunijiet hawn fuq indikati.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-istess soċjetà AirMalta Plc."*

4. Is-soċjetà intimata wieġbet billi ppreżentat ir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal fil-5 ta' Ottubru, 2012, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"Stante illi l-prassi fuq il-lant tax-xogħol kien illi jiġri dak li fattwalment qed jilmenta minnu r-rikorrent, liema prassi qiegħda tigi ndirizzata bħala parti mill-proċess ta' ristrutturar, u stante illi tali prassi, fiċ-ċirkostanzi, ma tikkostitwixxux ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.*

*Mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni ta' preskrizzjoni."*

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"It-Tribunal iħoss illi r-rikorrenti ma ppruvax il-każ tiegħu skont il-Liġi. Iħoss illi peress lir-rikorrenti kien weħel mill-eżami ma kkwalifikax għar-rwol li għalih kien qed*

*japplika. Ukoll kif ħareġ ċar illi ma kiex jagħmel ix-xoghol ta’* weight distribution *fuq il-*flight *ħaġa li hija ħafna importanti”.*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-26 ta’ Jannar, 2023, fejn qiegħed jitlob għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata, u li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal għall-analiżi tal-provi u għall-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Kap. 452, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) id-deċiżjoni tat-Tribunal hija legalment żbaljata għaliex inkiser il-prinċipju ta’ *audi alteram partem* meta ma ttieħidx konjizzjoni tal-provi kollha li tressqu quddiem it-Tribunal, u stante li l-provi kollha ma ġewx ikkunsidrati bl-istess qies; (b) id-deċiżjoni tat-Tribunal hija wkoll legalment żbaljata għaliex tmur kontra d-dettami tal-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-24 ta’ Frar, 2023, fejn sostniet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell huwa ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Skont is-soċjetà appellata, l-appellant m’għandu l-ebda dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti għaliex ma ħarisx id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu msemmi ġaladarba ma jirriżulta l-ebda punt ta’ liġi li qiegħed jiġi ssollevat mill-appellant fl-aggravji

tiegħu. Tgħid li s-sottomissjonijiet tiegħu huma kollha fil-mertu, u jirrigwardaw l-interpretazzjoni u l-istħarriġ li għamel it-Tribunal meta kellu quddiemu l-evidenza tal-partijiet, eżerċizzju li m'għandhiex tagħmlu mill-ġdid din il-Qorti. Is-soċjetà appellata tikkontendi li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għandu jkun biss fuq punt ta' liġi. Tirrileva li d-deċiżjoni tiegħu ma tistax tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti fejn jidħlu l-fatti tal-każ, u dan proprju li qiegħed jittenta jitlob l-appellant permezz taż-żewġ aggravji tiegħu fejn huwa essenzjalment qed juri n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal. Is-soċjetà appellata ssostni li għalhekk l-aggravji tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

9. Il-Qorti tagħraf mill-ewwel li tassew l-appell tal-appellant ma jolqot l-ebda punt ta' liġi u jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti kif magħmul mit-Tribunal, imma l-Qorti ser tispjega aħjar il-fehma tagħha b'riferiment għal kull aggravju trattat minnu.

10. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija waħda legalment żbaljata għaliex din tikser il-prinċipju fundamentali ta' *audi alteram partem.* Jispjega li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni tal-provi kollha li tressqu quddiemu, filwaqt li dawk li ġew ikkunsidrati ma ġewx ikkunsidrati bl-istess qies. Jikkontendi li l-prinċipju in kwistjoni huwa wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali li fuqhom jistrieħ id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq, u jgħaddi sabiex jiċċita dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet **A&J Hili Ta' Miema Ltd. *vs.* Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud**[1] dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Jikkontendi li tassew il-prinċipju

[1] Kost.12/2004.

ta' *audi alteram partem* huwa mifhum bħala d-dritt li jinstemgħu ż-żewġ partijiet, u li dawn jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-argumenti tagħhom, iżda jikkontendi li dan mhux limitat għal matul is-smigħ tal-proċeduri, iżda japplika wkoll għall-konsiderazzjonijiet li jagħmel il-ġudikant meta dan jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Hawnhekk l-appellant jiċċita, iżda fil-fehma tal-Qorti jinterpreta skorrettement, lill-awturi **Wade & Forsyth**. Tgħid li essenzjalment dawn l-awturi jikkunsidraw il-prinċipju in kwistjoni fid-dawl tal-evidenza li jixtiequ jressqu l-partijiet u mhux ta' dik l-evidenza li jkunu ressqu diġà bħal m'huwa l-każ odjern, u għalhekk tqis li l-interpretazzjoni mfissra mill-appellant bl-ebda mod ma tersaq viċin dak li tassew jitlob dan il-principju. Filwaqt li l-appellant għal darb'oħra jsostni li t-Tribunal naqas li jikkunsidra l-evidenza kollha li tressqet matul l-għaxar snin ta' proċeduri, jgħid li dan ma mexxiex skont kif fissru l-awturi esteri in ottemporanza mal-prinċipju *audi alteram partem.* Jissottometti li dan jirriżulta kemm mill-parti dispożittiva tad-deċiżjoni, iżda wkoll fejn it-Tribunal semma fil-qasir il-fatti tal-każ, billi naqas milli jikkunsidra x-xhieda ta' Alberto Bonello Ghio li xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2018, u ta' Peter Zammit li xehed waqt is-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2019. L-appellant hawnhekk jispjega l-importanza ta' dawn iż-żewġ xhieda fil-kuntest tal-ilment tiegħu, u jissottometti li n-nuqqas tat-Tribunal kien sab kritika minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, f'każijiet oħra li jgħaddi sabiex isemmi, u saħansitra jiċċita wkoll dak li qalet hemmhekk il-Qorti. L-appellant jsostni li l-każ odjern huwa identiku għal dak appena ċitat, u jisħaq li kieku t-Tribunal ikkunsidra dak li ngħad minn dawn iż-żewġ xhieda, huwa seta' jasal għal deċiżjoni mod ieħor. Barra minn hekk jgħid ukoll, skont dak li qalet il-Qorti fl-

imsemmija sentenza, it-Tribunal kellu jikkunsidra kollox u l-fatti għandhom jissemmew.

11. Il-Qorti taqbel mal-appellant. Tirrileva li mkien fid-deċiżjoni appellata m'hemm imsemmi li t-Tribunal ikkunsidra x-xhieda ta' dawn iż-żewġ persuni li qiegħed jindika, anki jekk fil-fehma tal-imsemmi Tribunal din kienet irrilevanti, għaliex dan kellu saħansitra jgħidu. Il-Qorti ma tistax toqgħod lura milli tgħid li d-deċiżjoni appellata hija waħda pjuttost xotta u konċiża għall-aħħar, b'mod li l-motivazzjoni tat-Tribunal mhijiex daqstant ċara u ċertament tonqos milli tfiehem tajjeb lill-partijiet x'wasslu sabiex jiċħad it-talbiet tal-appellant. Barra minn hekk tikkunsidra li dan in-nuqqas min-naħa tat-Tribunal ma joħloq l-ebda konvinċiment dwar l-argumenti tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis ġustifikat l-ewwel aggravju tal-appellant u tilqgħu. Ġaladarba dan ser iwassal sabiex tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant, u filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata, tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex jikkunsidra l-provi kollha li tressqu quddiemu, anki x-xhieda ta' Alberto Bonello Ghio u ta' Peter Zammit, u jiddeċiedi l-każ kif jidhirlu xieraq.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**